MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 120/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Saliba**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Noel Saliba talli fid-19 ta' Marzu, 2003 ghall-habta tal-hamsa neqsin hamsa ta' wara nofs in-nhar hdejn Xintill Roundabout, Tarxien (**1**) saq il-vettura BAE-652 minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-*seat belt*, (**2**) ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni, u (**3**) saq l-istess vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinovata); il-prosekuzzjoni talbet li huwa jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Gunju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Noel Saliba; il-parti deciziva tas-sentenza tghid hekk:

**Illi peress illi l-imputat ma nghatax l-opportunita` illi jaghmel il-kontro-ezami tax-xhieda [recte: xhud] tal-prosekuzzjoni, stante illi qatt ma gie mgharraf illi kellu d-dritt li jaghmel hekk, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ohra hlief li tllibera lill-istess imputat.**

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fl-24 ta' Gunju, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali qed jibbaza l-appell tieghu fuq il-fatt li, skond hu, l-ewwel qorti ghamlet enuncjazzjoni u interpretazzjoni erronea tal-ipotesi tal-ligi; huwa qieghed jinvoka wkoll l-Artikolu 63 (gia 26) tal-Kap. 65.

Mill-atti jirrisulta li l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni – PC 1276 Francis Zerafa – meta ssejjah fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2003 ma deherx u anqas giet presentata riferta tieghu; izda dan kien effettivament ghamek affidavit, li jinsab ezibit a fol. 2 mac-citazzjoni, ghall-fini tal-Artikolu 360A(1) tal-Kodici Kriminali. Mill-atti ma jirrizultax li l-appellat, allura imputat, kien avza lill-Kummissarju tal-Pulizija li ried jaghmel il-kontro-ezami ta' dan ix-xhud, u kien ghalhekk li dan effettivament ma tharrikx.

Dan il-punt ga gie deciz diversi drabi minn din il-Qorti. Hekk, per ezempju, fis-sentenza tal-1 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Jesmond Calafato***, din il-Qorti kienet qalet hekk:

**Desiderabbli kemm hu desiderabbli li l-imputat ikun mgharraf li jekk irid jikkontro-ezamina lill-persuna li tkun ghamlet l-affidavit – mhux semplicement jekk ikun irid jikkontesta t-tahrika – huwa ghandu jinforma**

**b'dan b'ittra registrata lill-Kummissarju tal-Pulizija hmistax-il jum qabel id-data ta' l-ewwel seduta, imkien fil-ligi ma hemm xi obbligu li mat-tahrika u l-affidavit ghandu jkun hemm xi avviz jew twissija f'dan is-sens lill-istess imputat. Wara kollox fil-kamp penali kulhadd hu presunt li jaf il-ligi. L-Artikolu 360A(1) jipprovdi, fit-tieni proviso, li jekk jirrizulta li ma kienx possibbli ghall-imputat li jaghti l-avviz imsemmi lill-Kummissarju tal-Pulizija fi zmien il-hmistax-il gurnata msemmija, dak l-avviz jista' jinghata fl-ewwel seduta, u x-xhud in kwistjoni jigi mharrek u kontro-ezaminat fis-seduta ta' wara. Fi kliem iehor, fil-kaz in dizamina l-ewwel qorti ma setghetx tinjora l-affidavit u tillibera semplicement ghax il-prosekuzzjoni ma ghamlitx xi haga li ma kienitx obbligata li taghmel.**

(ara wkoll ***Il-Pulizija v. Gary Fiorini***, ***Il-Pulizija v. Amanda Pace***, ***Il-Pulizija v. Joseph Seychell*** u ***Il-Pulizija v. Daniel Joseph Thornton*** ilkoll decizi minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 2003).

Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddilunga fuq dan il-punt. Ghar-ragunijijiet moghtija fl-imsemmija sentenzi anke l-appell odjern jimmerita li jigi milqugh.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u, biex ma tipprivax lill-partijiet u specjalment lill-appellat mill-beneficcju tad-doppju ezami fil-meritu, tordna li l-atti ta' din il-kawza jigu minnufih rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti tissokta bis-smigh tal-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------